MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2015

Numru. 34/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Aldo Mercieca**

Numru 34/2010

Illum 14 ta' Jannar 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Aldo Mercieca**, ta' sitta u ghoxrin (26) sena, iben Paul u Margeret neé Portelli, imwieled

Rabat, Ghawdex, nhar it-13 ta' Jannar, 1983, residenti fil-fond numru 63A, Triq Santu Pietru, Gharb, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 6783(G), akkuzat talli:

1. madwar hames (5) snin ilu u fix-xhur ta' wara, f'diversi postijiet gewwa Ghawdex, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u/jew kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha u dan *ai termini* tal-Artikoli 8(a) u (d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) (Dok. "C" – *a fol.* 16).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 17).

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' April 2014 moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim'Imhallef (*a fol.* 58).

Rat id-digriet moghti minn il-Qorti kif preseduta fis-6 ta' Mejju 2014 fejn il-Qorti, fost l-ohrajn, issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza (*a fol.* 61).

Rat illi, fis-seduti tat-23 ta' Lulju 2014 (*a fol.* 67) u tal-15 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 68), il-Prosekuzzjoni u d-difiza ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda li diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet is-sottomissjonijiet finali *da parte* tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 69 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2011, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Frank Anthony Tabone** (*a fol.* 19 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu wara li fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Ottubru 2009 kienet saret tfittxija go vettura fejn nstabu xi affarijiet suspettati relatati ma' droga, f'liema vettura kien hemm tlitt persuni, wiehed minnhom kien l-imputat. Jghid li l-imputat irrilaxxa stqarrija, f'liema stqarrija, filwaqt li cahad li kellu x'jaqsam mal-affarijiet li kienu gew elevati mill-vettura, ammetta li madwar hames (5) snin qabel dik id-data li kien kellmu kien pejjep *joint*. Din l-istqarrija giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "FT 1" (*a fol.* 21 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2011, xehed ukoll **PC 1384 Felix Sammut** (*a fol.* 25) fejn qal li fit-13 ta' Ottubru 2009 kien flimkien ma' xi ufficjali ohra tal-Pulizija u ghamlu spezzjoni f'vettura li fiha kien hemm l-imputat u zewg persuni ohra. Jghid li fil-*handbag* ta' wahda minn dawn il-persuni nstabet bicca raza tal-*cannabis* u li t-tfittxija li saret fuq l-imputat irrizultat fin-negattiv.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2011, xehed ukoll **PC 138 Joseph Portelli** (*a fol.* 26 *et seq.*) fejn qal affarijiet simili ghal dak li qal PC 1384 fid-depozizzjoni tieghu u zied jghid ukoll li gew elevati xi *roll up papers* u kif ukoll bicctejn suspettata raza tal-*cannabis*.

In kontro-ezami jghid li saret tfittxija fuq l-imputat u fuqu ma nstab xejn.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2012, xehed **PS 771 Raymond Mifsud** (*a fol.* 33) fuq l-istess linji ta' PC 1384 u PC 138.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2014, xehed l-imputat **Aldo Mercieca** (*a fol.* 43) fejn qal li dakinhar tat-12 ta' Ottubru 2009 ghamel gurnata xoghol u wara ltaqa' ma' zewg min-nies u gew arrestati ghal xi s-siegha ta' filghodu (tat-13 ta' Ottubru 2009). Jghid li kienu qalulu li kienu sabu xi droga fuq habiba tieghu u li hu beda jigi nterrogat bil-lejl. Jixhed li dam lejl arrestat gol-Ghassa u li ma raqadtx. Jghid li ttiehditlu stqarrija fit-13 ta' Ottubru 2009 filghaxija u li kien hareg mill-Ghassa fit-8.30pm. Jixhed li kien ilu barra mid-dar mill-gurnata ta' qabel fl-10.00am. Jghid li ma kellux idea x'inhi stqarrija u li ma kienx kellem qabel avukat qabel ttiehiditlu din l-istqarrija. Jghid li gie nterrogat xi tlitt jew erba' darbiet u wara kull darba jitnizzel fil-

*lock up* imbaghad jerga' jittella. Jixhed: *"Jien rajt li qed izommuni hemm sakemm nghid xi haga biex nitlaq. U ghidt xi haga biex nitlaq fil-fatt"* (*a fol.* 46). Jghid li l-*joint* li jghid li ha fl-istqarrija hadu meta kellu tmintax (18) il-sena. Jghid li dan il-*joint* ma kienx tieghu izda xi hadd kien tah sigarett u spicca barra jirremetti u telaq lejn id-dar u fi triqtu kien habat. Mistoqsi jghid kif jiftakar li kellu tmintax (18) il-sena jghid ghax kien ghadu ser jibda jsuq. Jghid li lill-Ufficjal Prosekutur qallu li dan kien gara hames snin qabel ghax ma kellux idea meta gara ezatt u: *"kien ilni ma nafx kemm imqajjem u ghidt xi hames snin"* (*a fol.* 48). Jghid li ma kienx jaf li din setghet tintuza kontra tieghu u li ghalih ma kienitx taghmel differenza jekk jghidx hames snin jew tmien snin jew seba' snin. Jghid: *"Jien ghalija ma kienx jaghmel differenza ghalija dak il-hin; dak il-hin l-importanti kien li nohrog minn hemm gew ghax tant li kont gejt ghajjien u gurnata u nofs kien ghadni ma nhsiltx li ridt nitlaq 'il barra"* (*a fol.* 49).

In kontro-ezami jikkonferma li huwa minnu li kien pejjep bicca minn *joint*.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "FT 1" – *a fol.* 21 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat, ghad-domanda jekk qattx mess mad-droga, l-imputat wiegeb: *"Nghid li l-ahhar li messejt droga, kienet hames snin ilu kont hadt nifs minn joint maghmul mill-cannabis u wara kont mort insuq il-karrozza tieghi u spiccajt hbatt fit-Triq tas-Sellum"* (*a fol.* 23). Jghid li wara li ha l-*joint* kien ddardar, hareg mill-*bar* fejn kien u rremetta. Mistoqsi jghid jekk minn dakinhar qattx mess darb'ohra, wiegeb: *"Nghid li minn dakinhar ma messejt xejn aktar ghax wara l-incident li grali kont bzajt"* (*a fol.* 23).

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-kaz huwa msejjes fuq il-fatt li meta l-imputat kien qed jigi nvestigat fuq dak li gara meta kien ma' shabu fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Ottubru 2009, huwa rrilaxxa stqarrija (Dok. "FT 1" – *a fol.* 21 *et seq.*) f'liema stqarrija, meta gie mistoqsi jghid jekk qatt kienx mess xi droga, huwa wiegeb: *"Nghid li l-ahhar li messejt droga, kienet hames snin ilu kont hadt nifs minn joint maghmul mill-cannabis u wara kont mort insuq il-karozza tieghi u spiccat hbatt fit-Triq tas-Sellum"* (*a fol.* 23).

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2013 (*a fol.* 42), id-difiza talbet lill-Qorti sabiex ma tiehux konjizzjoni tal-istqarrija tal-imputat billi, qabel l-istqarrija kienet ser tigi rilaxxata, l-imputat ma kienx inghata l-jedd li jikkonsulta ruhu ma' avukat u b'hekk gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu. Dan il-punt gie wkoll sollevat mid-difiza fis-sottomissjonijiet finali taghha (*a fol.* 69 *et seq.*).

Illi, dwar il-valur probativ tal-istqarrija rilaxxata mill-imputat, f'liema zmien din giet rilaxxata persuna arrestata ma kellhiex dritt li tikkonsulta ma' avukat, il-Qorti taghmel riferenza ghal sentenzi kostituzzjonali in materja l-ewwel ghall-kazijiet **Il-Pulizija vs. Alvin Privitera**, **Il-Pulizija vs. Mark Lombardi**, u **Il-Pulizija vs. Esron Pullicino** illi taw certa direzzjoni. Il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghall-kawza **Charles Stephen Muscat vs. Avukat Generali** illi tat direzzjoni ohra. F'din il-kawza flimkien ma' kawza ohra kostituzzjonali **Il-Pulizija vs. Ganni Attard** (31 ta' Ottubru 2012), il-Qorti Kostituzzjonali ikkristalizzat il-kwistjoni tal-istqarrija meta dina ittiehdet qabel l-introduzzjoni tal-ligi fi Frar tal-elfejn u ghaxra (2010) li tat lill-arrestat id-dritt illi jikkonsulta ruhu ma' avukat.

Illi l-Qorti tinnota li l-kawza kostituzzjonali **Charles Stephen Muscat vs. Avukat Generali** qalet is-segwenti:

> "Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi li ngiebu kontrih u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukat waqt interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-Qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghall-ksur tal-jedd ta' smiegh xieraq u jekk inholoqx il-periklu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dak il-periklu, mela ma hemmx ksur."

Paragrafu 33 tal-istess sentenza jkompli jinghad is-segwenti:

> "... l-imhallef togat sejjer iwissi lill-gurati bil-perikolu illi joqghodu biss fuq l-istqarrija meta jiddeciedu dwar il-htija, bla ma jqisu l-provi l-ohra, u illi l-imhallef sahansitra jista' jwissi lill-gurati biex jiskartaw l-istqarrija jekk tingieb xhieda […] li l-istqarrija ttiehdet bi vjolenza, qerq jew theddid ...".

Din is-sentenza giet ikkwotata b'success fil-kawza l-ohra **John Attard vs. Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali** u kompliet tghid:

> "Ebda Qorti f'ebda hin ma stabbiliet principju universali li nuqqas ta' assistenza legali waqt interrogazzjoni awtomatikament jirrizulta f'lezjoni ta' dritt ghal smigh xieraq." (pagna 10).

Il-Qorti taghmel riferenza ghall-decizjoni moghtija fit-18 ta' Gunju 2013 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Paul Cutajar** fejn il-Qorti kkristallizzat is-sitwazzjoni f'dan il-bran:

> "Dwar dan l-ahhar ilment l-istqarrija kellha tkun sfilzata il-ghaliex l-appellant ma kienx assistit fil-bidunett tal-arrest tieghu, din il-Qorti taghmel riferenza ghal decizjonijiet moghtija recentement (ara fost ohrajn **Charles Stephen Muscat versus Avukat Generali** u **Ganni Attard versus Avukat Generali**) fejn din il-kwistjoni giet trattata u l-Qorti irrilevat li mhux kull nuqqas ta' assistenza legali ghandha twassal ghan-nullità ta' tali stqarrija, izda l-Qorti ghandha tara jekk l-istqarrija hijiex korroborata minn xhieda ohra u kemm l-akkuzat huwa persuna vulnerabbli illi seta' facilment ikun impressjonat jew influwenzat mill-fatt illi kien qieghed jigi interrogat mill-pulizija."

Ghalhekk meta l-Qorti tkun qieghda tikkunsidra l-valur probativ ta' stqarrija f'dawn ic-cirkostanzi trid tqis ukoll il-vulnerabiltà tal-persuna arrestata u l-età taghha huwa fattur importanti ghax hekk biss tista' tevita l-periklu illi tasal ghall-konkluzjoni illi persuna tinstab hati meta ma kellux jinstab hati (*Vide* wkoll **Il-Pulizija vs. Robert Busuttil**, deciza fl-20 ta' Frar 2014).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tinnota li fil-kawza odjerna l-imputat ghazel li jaghti d-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti. L-imputat kellu dritt li ma

jixhidx f'dawn il-proceduri. Ladarba l-imputat ghazel li jixhed, u huwa ghazel li jixhed meta kien hemm prezenti fl-awla l-konsulent legali tieghu, allura l-Qorti, kieku, ghall-grazzja tal-argument kellha tiskarta l-isqarrija rilaxxata minnu, ma tista' **bl-ebda mod** tiskarta d-depozizzjoni li huwa ta quddiem il-Qorti.[1]

Illi, tenut kont ta' dan, il-Qorti hija tal-fehma li m'ghandhiex ghalfejn tidhol fil-kwistjoni jekk l-istqarrija rilaxxata mill-imputat ghandhiex tigi skartata jew le u dana *stante* li l-Qorti tista' taghmel pjenza riferenza ghad-depozizzjoni moghtija mill-imputat quddiem il-Qorti.

**Ikkunsidrat**

Illi da parte taghha d-difiza ssostni wkoll li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat ma tistax tirrizulta peress li ghaddew hames snin. L-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat tirreferi ghall: *"madwar hames snin ilu u fix-xhur ta' wara"* (*a fol.* 1). Fid-depozizzjoni tieghu, meta l-imputat gie mistoqsi jghid ir-raguni ghala lill-Ufficjal Prosekutur qallu li dak li kien gara fir-rigward tal-*joint* gara hames snin qabel, wiegeb li ma kellux idea meta gara ezatt u li: *"kien ilni ma nafx kemm imqajjem u ghidt xi hames snin"* (*a fol.* 48). Fid-depozizzjoni tieghu, l-imputat jispecifika li l-*joint* li jghid li ha fl-istqarrija tieghu hadha meta kellu tmintax (18) il-sena u jiftakar dan ghax wara li ha

[1] *Vide* sentenza moghtija fil-15 ta' Ottubru 2012 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Gatt et** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk: *"L-appellanti talbu l-isfliz tal-istqarrijiet fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll wara diversi deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali in konnessjoni mal-assistenza tal-avukat meta dan ikun fil-kwartieri tal-pulizija. Bir-rispett kollu jingħad li l-artikoli 658 – 661 tal-Kap. 9 għadhom hemm sa llum u sakemm qed tinkiteb din is-sentenza ma ġewx emendati. Barra minn dan mill-proċess jirriżulta li l-appellanti ddeponew ( 3 ta' Ġunju 2009, 15 t'Ottubru 2010, u t-trattazzjoni (16 ta' Novembru 2010) saret ferm wara it-28 ta' Novembru 2008 (Salduz versus Turkey) u mkien ma jirriżulta li saret xi sottomissjoni bħal dik li hemm fl-aggravju ewlieni taż-żewġ imputati. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad it-talba għall-isfilz ta' dawn l-istqarrijiet. Il-Qorti ma sabitx sostanzjata is-sottomissjoni tal-appellant Raymond Gatt li l-istqarrija tiegħu kienet saret b'xi wegħda. Għalhekk qed tiċħad ukoll it-talba għall-isfliz tali stqarrija tiegħu għal din ir-raġuni wkoll barra r-raġuni l-oħra mogħtija aktar 'il fuq".*

l-*joint,* spicca barra jirremetti, telaq lejn id-dar u fi triqtu kien habat bil-vettura. Jghid ukoll li kien ghadu kemm beda jsuq.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut ta' dak kollu li nghad hawn fuq u tenut kont tal-mod kif inhi redatta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, u cioé *"talli madwar hames snin ilu u fix-xhur ta' wara"*, il-Qorti, minghajr tlaqlieq ta' xejn, tinnota li mill-atti processwali ma jirrizultax sodisfacentement pruvat li fil-perijodu msemmi fl-imputazzjoni l-imputat kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u/jew kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha, kif *del resto* huwa akkuzat bih. Ghaldaqstant, l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Aldo Mercieca hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------